MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Numru 334/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Andrew Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Andrew Spiteri ta' wiehed u sittin sena (61), bin Grezzju u Ruzarja neè Mifsud, imwieled Hal-Luqa fl-4 ta' April 1950 u residenti 93 Cor Jesus, Triq Hal-Tarxien, Hal-Luqa, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 359250(M) talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli fid-9 ta' Frar 2011 f'xi hin bejn il-5a.m. u s-7p.m. waqt li kien fi Triq Hal-Tarxien Hal-

Luqa u postijiet ohra volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Renault Megane numru tar-registrazzjoni LCI859 ghad-dannu ta' Raymond Debono minn Fgura liema hsara ma tiskorrix €1,164.69 izda izjed minn €116.47, u aktar talli nhar il-15 ta' Frar 2011 bejn il-hinijiet ta' 5a.m. u s-7p.m. waqt li kien fi Triq Hal-Tarxien Hal-Luqa u postijiet ohra volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Renault Megane numru tar-registrazzjoni ABP128 ghad dannu ta' Christian Schembri minn Bormla liema hsara ma tiskorrix €1,164.69 izda izjed minn €116.47; u aktar talli nhar il-15 ta' Frar 2011 bl-istess cirkustanzi waqt li kien fi Triq Hal-Tarxien Hal-Luqa u postijiet ohra volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Toyota Corolla numru tar-registrazzjoni DAS826 ghad-dannu ta' Clive Grech minn Haz Zabbar liema hsara tiskorri €1,164.69.

Rat id-dokumenti esebiti u senjatament ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali ta' l-imputat, il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, l-istqarrija ta' l-imputat, ir-rapporti li saru fl-Ghassa tal-Pulizija u l-istimi tal-hsarat kawzati fil-vetturi indikati fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti jkollha necessarjament issibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat fi stadju ferm bikri tal-proceduri, li mill-fedina penali ta’ l-imputat ma jirrizultawx reati gravi, il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija w id-dikjarazzjoni ta’ l-imputat li lest jaghmel tajjeb ghall-hsarat kawzati fil-vetturi indikati fl-imputazzjonjiet migjuba fil-konfront tieghu izda hadet in konsiderazzjoni wkoll l-fatt li ghalkem l-imputat ghandu cirkostanzi personali li setghu wasluh ghal dak li ghamel xorta ma hux gustifikat li jiehu l-ligi f’idejh u li jisfoga l-frustrazzjonijiet tieghu fuq haddiehor partikolarment fuq persuni li ma ghandhomx x’jaqsmu ma’ kwistjonijiet li jista’ ghandu man-negozju gar tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18 u 325(a) u (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) habs izda billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi, u partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-imputat hu lest li jhallas id-danni kagunati fil-vetturi indikati fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu entro t-terminu lilu prefiss minn din il-Qorti, hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ prigunerija jigi sospiz, u ghalhekk a tenur ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta it-terminu ta’ tmintax-il (18) xahar prigunarija qed jigi sospiz ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti in oltre tikkundanna lill-imputat ihallas: (a) lill-proprjetarju tal-vettura ta' l-ghamla Toyota Corolla bin-Numru tar-Registrazzjoni DAS-826 is-somma ta' elf tlett mija wiehed u ghoxrin Euro u sittin centezmu (€1,321.60) bhala danni kagunati lil din il-vettura; (b) lill-proprjetarju tal-vettura ta' l-ghamla Renault Megane bin-Numru tar-Registrazzjoni LCI-859 is-somma ta' seba' mija disgha u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€769.62) bhala danni kagunati lil din il-vettura; u (c) lill-proprjetarju tal-vettura ta' l-ghamla Renault Megane bin-Numru tar-Registrazzjoni ABP-128 is-somma ta' disa' mija u seba' Euro u hames centezmi (€907.05) bhala danni kaguniati lil din il-vettura, u dana fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Ghal kull buon fini l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car il-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos milli jhallas l-imsemmija ammonti entro t-terminu lilu hawn prefiss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------